MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 39/2012

**Peter Paul Cutajar**

**vs**

**Avukat Generali u d-Direttur Generali tal-Ufficcju Kongunt u Awtorita` tad-Djar**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghar-rimedju provizorju tar-rikorrenti Peter Paul Cutajar datat l-1 ta’ Frar, 2013, li permezz tieghu espona sintetikament is-segwenti:

1. Illi a bazi tal-mandat ta’ zgumbrament numru 1891/2012 ir-rikorrenti gie ordnat jizgombra mill-proprjeta` hemm indikata;

2. Illi l-istess mandat indikat fil-paragrafu precedenti nhareg in forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-25 ta' Novembru, 2011;

3. Illi *ai termini* tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta r-rikorrenti qed jitlob rimedju mmedjat u temporanju biex nonostante l-procedura odjerna ma jsir xejn li jaggrava s-sitwazzjoni, u dan, kif kopert mill-artikolu 13 tal-Kap 319, biex b'hekk ikun jista' jinghata rimedju effettiv, kif din il-qorti diversament preseduta gia` kellha l-okkazjoni li taghti;

Rat id-digriet taghha datat il-31 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu ordnat in-notifika lill-kontroparti ghar-risposta skont il-ligi, u dak datat l-4 ta' Frar, 2013, fejn iddekretat li in vista tal-urgenza riskontrata laqghet it-talba provizorjament u filwaqt li ordnat in-notifika lill-kontroparti ghar-risposta, appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tat-12 ta' Frar, 2013, fil-hin hemm indikat;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u tad-Direttur tal-Ufficcju Kongunt datata l-11 ta' Frar, 2013, fejn sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi jopponu t-talbiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, sintetikament ghas-segwenti ragunijiet:

i. Illi l-procedura adoperata mir-rikorrenti Cutajar hi erronea u mhux skont l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Illi ghalhekk it-talba qed tigi ntavolata quddiem il-forum zbaljat stante li t-talba odjerna missha saret quddiem il-qorti li akkordat il-hrug tal-mandat ta' zgumbrament;

iii. Illi l-poteri tal-Qorti Kostituzzjonali huma ta' natura straordinarja u ghalhekk ghandhom jigu ezegwiti meta jkunu gew ezawriti l-mezzi ordinarji disponibbli lill-lanjant;

iv. Illi fil-procedura odjerna r-rikorrenti qed jevadi r-rotta tar-rimedju ordinarju offrut, liema rimedju kif mitlub jammonta ghal abbuz tal-process gudizzjarju;

Rat ir-risposta tal-Awtorita` tad-Djar datata wkoll il-11 ta' Frar, 2013, li sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi hi biss qed tipprova tenforza sentenzi ta' l-oghla qorti tal-pajjiz;

2. Illi ghalhekk, ir-rikors in dizamina hu erroneu u kien missu sar quddiem il-qorti li tat l-ewwel sentenzi li saru *res judicata* u li fuqhom inhareg il-mandat ta' zgumbrament hawn attakkat taht dak provdut fl-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-14 ta' Frar, 2013, li permezz taghha ghamel referenza ghas-sentenza Hirsa Jamaa and others vs Italy tat-23 ta' Frar, 2012;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ezaminat id-dokumentazzjoni esebita;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors in dizamina hu wiehed ancillari ghar-rikors primarju li ta bidu ghall-procedura kostituzzjonali u ghalhekk din id-decizjoni hi limitata ghar-rikors ta' l-1 ta' Frar, 2013, fuq gia riferit;

Illi permezz tal-istess, ir-rikorrenti qed jitlob rimedju mmedjat biex jattakka l-mandat ta' zgumbrament precedentement ordnat wara li s-sitwazzjoni bejn il-kontendenti kienet giet kristallizzata bi proceduri li ghaddew in gudikat wara li espirew l-*iter* gudizzjarju komplut;

Illi ghalhekk il-mandat ta' zgumbrament li hawn qed jigi ndirizzat hu wiehed li l-partijiet waslu ghalih wara

proceduri li ilhom jittiehdu ghal dawn l-ahhar tnax (12) –il sena;

Illi ghandu jinghad li l-vertenza in dizamina hi ampjament regolata bl-artiklu 281 tal-Kap 12 fuq riferit li sintetikament jistabbilixxi li persuna li kontra taghha jinhareg att ezekuttiv, bhal ma hu l-mandat ta' zgumbrament in dizamina, tista' topponieh billi taghmel rikors ghal dan il-ghan quddiem:

" **… dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar …**"

Ikkunsidrat:

Illi effettivament ir-rikorrenti qieghed hawn jitlob proprju t-thassir tal-imsemmi mandat, meta ghandu jkun pacifiku li l-qorti odjerna ma kinitx l-istess wahda li ordnat il-hrug ta' tali mandat;

Ikkunsidrat:

Illi konsegwentement dan ir-rimedju mhux permess f'dan l-istadju ta' kawza kostituzzjonali maghzula mir-rikorrenti;

Illi ghalhekk, ghandu wkoll ikun pacifiku li r-rimedji ordinarji offruti lir-rikorrenti ma gewx minnu ezawriti kif mitlub fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li liberament ghazel li jaqbez il-procedura lilu offruta b'mod ordinarju u jindirizza minflok il-procedura kostituzzjonali minnu hawn indirizzata;

Illi ghaldaqstant din il-qorti, ghar-ragunijiet fuq esposti tqis li r-rikorrenti ppregudika l-pozizzjoni tieghu billi ma ezawriex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti meta ghazel li jindirizza l-vertenza in dizamina f'din il-procedura u mhux kif debitament ritenut *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap 12 fuq riferit;

Illi per konsegwenza, jirrizulta li tali azzjoni allura tilledi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante li r-rikorrenti ma ndirizzax u ezawrixxa, kif kellu, r-rimedji ordinarji qabel ma intraprenda l-azzjoni odjerna;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, b’referenza ghar-rimedju urgenti mitlub mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tal-1 ta’ Frar, 2013, tirrevoka d-digriet precedenti taghha datat l-4 ta’ Frar, 2013, u tiddikjara li qed tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

Bl-ispejjez ta’ din id-decizjoni kontra r-rikorrenti Peter Paul Cutajar.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------